# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

### ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Kostituzzjonali Nru. 34/16 MH**

**Illum 29 ta' Marzu, 2017**

**Raymond Bonnici**

**vs**

**Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors tar-rikorrent** tat-30 ta' Marzu 2016 fejn gie premess:

***"FATTI***

*Illi l-fatti tal-kaz odjern jirrigwardaw allegat kaz ta' korruzzjoni ta' tifla ta' hmistax-il (15) sena li sehh fil-lejl ta' bejn it-tnejn (2) u t-tlieta (3) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sebgha (2007) ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu (02.30hrs) fl-inhawi ta' Golf tat-Tafal, limiti tax-Xghajra, meta l-esponent li kien is-sid tar-restaurant f'Marsaskala, fejn kienet tahdem part time l-minuri fis-Sajf, wassal lilha u lil shabha d-dar wara x-xoghol.*

*Illi ghaldaqstant l-esponenti ghadda proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn kien akkuzat inter alia bil-korruzzjoni ta' persuna minorreni u li kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna tal-istess minorenni. Illi permezz ta' sentenza datata erbgha u*

*ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-esponent hati u sussegwentement kkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' tlett (3) snin liema sentenza giet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016).*

***<u>Ilmenti Kostituzzjonali</u>***

1) ***Dritt tal-Assistenza Legali***

*Illi jigi rilevat illi fil-kaz odjern fis-sebgha (7) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sebgha (2007), l-esponenti kien irrilaxxa stqarrija, liema stqarrija giet rilaxxata mill-esponenti minghajr ma kellu assistenza legali u minghajr ma inghata id-drittijiet naxxenti mir-rule of disclosure peress illi l-ligi Maltija dak iz-zmien ma kienetx tipprovdi ghad-dritt tal-assistenza legali lill-arrestat f'ebda hin tal-investigazzjoni, arrest, qabel jew matul l-interrogazzjoni. Illi rrizulta illi dakinhar illi ttehditlu l-istqarrija huwa kien eccitat, agitat u anzjuz u ghalkemm ghal bidu nnegga l-involvilment tieghu, stante anke pressjoni u weghdi mill-Ispettur illi kien qed johodlu l-istqarrija, huwa kien sussegwentement spicca biex ammetta ghal certu affarijiet fl-istqarrija. Illi inoltre l-esponenti ghazel illi jixhed fil-proceduri kriminali u fix-xhieda guramentata tieghu nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) quddiem l-Ewwel Qorti giet moqrija lilu u ampjament saret referenza ghall-istqarrija u ghalhekk l-istess stqarrija mehuda b'mod leziv ikkundizzjonat ukoll l-andament u l-prosegwiment tax-xhieda guramentata tieghu.*

*Illi inoltre fiz-zmien illi xehed l-esponenti u cioe' nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) l-Qrati Maltin ma kienux ghadhom irrikonoxxew il-pozizzjoni mehudha mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza Salduz vs. Turkey deciza nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008). Kien biss sentejn wara illi xehed l-esponenti fil-proceduri kriminali illi l-Qrati Maltin irritenew illi stqarrija mehudha minghajr l-assistenza legali hija leziva ghad-drittijiet fundamentali tal-Bniedem.*

*Illi inoltre jigi rilevat illi l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha rriteniet illi:*

*Il-Qorti, wara li kkunsidrat it-talba hawn fuq imsemmija ghal dikjarazzjoni ta' non ammissibilita' tal-istqarrija tal-imputat mhux ser tordna l-isfilz tal-istess stqarrija izda mhijiex ser tiehu in konsiderazzjoni dak li qal l-imputat fl-istess stqarrija ghal finijiet ta' sejbien ta' htija u meno.*

*Illi ghalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet tali dikjarazzjoni, din is-semplici dikjarazzjoni ma kinitx bizzejjed fit-totalita' tal-proceduri, stante specjalment illi fix-xhieda guramentata tal-esponenti kien hemm referenza totali ghall-istess stqarrija. Illi ghalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tiddikjara n-non ammissibilita' tal-istqarrija tal-esponent flimkien mal-kontenut taghha u kull referenza tal-istess stqarrija fix-xhieda u fil-provi rizultanti fil-process kriminali.*

*Illi di piu' jigi rilevat illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha a kuntrarju tal-Ewwel Onorabbli Qorti baqghet siekta rigward l-ammissibilita' o meno tal-istqarrija tal-imputat u ghalhekk l-esponent ma jafx jekk eventwalment il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sejbien tal-htija tieghu strahitx fuq l-istqarrija tieghu jew le jew jekk haditx in konsiderazzjoni l-istqarrija rrilaxxata minnu minghajr assistenza legali.*

*Illi ghaldaqstant jirrizulta ampjament car illi f'dan il-kaz, l-istqarrija kienet prova kardinali anke peress illi l-istess stqarrija giet uzata meta gie biex jixhed l-esponenti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u ghalhekk ikkundizzjonat il-kumplament tal-prosegwiment tal-proceduri fil-qrati.*

*Illi ghalhekk peress illi l-Ligi fiz-zmien illi fih l-esponent gie arrestat u investigat ma kienetx tipprovdi ghad-dritt tal-assistenza legali lill-arrestat f'ebda hin tal-arrest, qabel jew matul l-interrogazzjoni kif ukoll ma kienetx tippermetti li l-persuna investigata access tal-file tal-Pulizija (rule of disclosure) u dan jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tal-esponent ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*Illi l-eskluzjoni totali ta' avukat tal-fiducja tal-esponenti mill-istadju tal-investigazzjoni, partikolarment waqt it-tehid tal-istqarrija huwa leziv tad-drittijijet fundamentali tieghu ghall-smiegh xieraq u hija ta' pregudizzju kbir ghall-esponenti;*

*Illi d-dritt tal-assistenza legali ghall-persuni suspettati waqt l-investigazzjoni, bhala aspett tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem gie stabbilit permezz ta' gurisprudenza kopjuza u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem liema dritt gie ritenut illi jigi*

*miksur anke jekk il-persuna suspettata u investigata tibqa' siekta tul il-kors kollu tal-arrest taghha;*

*Illi fil-kaz Salduz vs. Turkey deciz fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008);*

*"In order for the right to a fair trial to remain sufficiently `practical and effective'..., Art 6 S 1 [of the Convention] requires that as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6...The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction." (S55)*

*Illi inoltre l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz Dayanan v. Turkey (13.10.2009 (II)) irriteniet is-segwenti:*

*"As emerges from the generally recognized international norms, which the Court accepts and which complement its case-law, a suspect must be afforded assistance by a lawyer as soon as he has been deprived of his liberty, whether or not he is to undergo interrogations.*

*…*

*In the instant case it is not disputed that the applicant was not assisted by a lawyer when he was in custody, as such assistance was not allowed by the law in force at the relevant time. In itself, such a systematic restriction based on relevant statutory provisions warrants the conclusion that the requirements of Article 6 have not been met, irrespective of the fact that the applicant remained silent throughout his custody."*

*Illi inoltre il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza Pischalnikov v. Russia deciza fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) spjegat fid-dettal il-funzjonijiet varji u teknici tal-avukat fl-istadju tal-investigazzjoni:*

*"Having been denied legal assistance, the applicant was unable to make the correct assessment of the consequences his decision to confess would have on the outcome of the criminal case ... In the absence of assistance by counsel, who could have provided legal advice and technical skills, the applicant could*

*not make full and knowledgeable use of his rights afforded by the criminal procedural law..”*

*L-istess principji intqalu mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza Plonka vs. Poland deciza fil-wiehed u tletin ta’ Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009);*

*‘’The Court further reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of fair trial (Poitrimol v. France, 23 November 1993, § 34, Series A no. 277-A, and Demebukov v. Bulgaria, no. 68020/01, § 50, 28 February 2008).*

*The Grand Chamber has recently stressed that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently “practical and effective” Article 6 § 1 requires that, as a rule,* ***access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police,*** *unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction - whatever its justification - must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (seeSalduz v. Turkey [GC], no. 36291/02, § 55, 27 November 2008).*

*In view of the circumstances the guarantee of fairness enshrined in Article 6 required that the applicant had the benefit of the assistance of a lawyer from the very first stage of police questioning. In this regard, it is not for the Court to speculate on what the applicant’s reaction or her lawyer’s advice would have been had she had access to a lawyer at the initial stage of the proceedings (see Salduz, cited above, § 58).*

*The Court considers that in the present case the applicant was undoubtedly directly affected by the lack of access to a lawyer during her questioning by the police. Neither the assistance provided subsequently by a lawyer or the adversarial nature of the ensuing proceedings could cure the defects which had occurred during the police custody.*

*The foregoing considerations are sufficient to enable the Court to conclude that there has been a breach of Article 6 § 1 of the Convention in conjunction with Article 6 § 3 (c). Having regard to this finding, the Government’s preliminary objection must be rejected.”*

*Illi ghaldaqstant jirrizulta car u inekwivoku mill-gurisprudenza kopjuza u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi tali ksur jissussisti awtomatikament mic-cahda tal-access tal-assistenza legali lill-persuna suspettata u dan indipendetament mic-cirkostanzi, karattru, antecedenti, vulnerabbilita' o meno, tal-persuna investigata (Salduz vs Turkey; Brusco vs. France; Panovits vs. Cyprus; Pischalnikov vs Russia; Dayanan vs Turkey; Plonka vs. Poland; Pavlenko vs. Russia; Boz vs Turkey; Demirkaya vs Turkey).*

*Illi f'Malta l-Qorti Kostituzzjonali wkoll sabet ksur tad-dritt fundamentali ta' smigh xieraq fis-sentenzi Pulizija vs Alvin Privitera u Pulizija vs. Esron Pullicino.*

*Illi, fil-fatt, fil-kaz Il-Pulizija vs. Alvin Privitera deciza fil-hdax (11) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011), il-Qorti Kostituzzjonali sahqet illi:*

*"Il-Qorti tikkonkludi li fil-kaz odjern kien hemm lezjoni taddritt tal-appellant ghal smigh xieraq kif sancit fl-Artikolu 6(3)(c) konguntivament mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja meta huwa ma nghatax l-assistenza legali. Din il-Qorti hi tal-fehma li d-dritt li persuna arrestata tigi assistita minn avukat ghandu jinghata fil-bidunett talinvestigazzjoni u qabel ma dik il-persuna tirrilaxxja stqarrija."*

*L-istess Qorti Kostituzzjonali fil-kaz Il-Pulizija vs. Esron Pullicino deciza fit-tnax (12) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011) irriteniet illi:*

*"Ghalhekk, skont il-Qorti ta' Strasbourg, ir-regola hija li akkuzat ghandu jkollu access ghall-avukat fl-istadju bikri tal-investigazzjoni.*

*...*

*Din il-Qorti tirrileva li r-raguni li l-Qorti Ewropeja tinsisti fuq id-dritt ghall-assistenza legali fl-istadju inizjali talinvestigazzjoni hija minhabba l-principju li hadd m'ghandu jinkrimina ruhu kif ukoll biex jinzamm bilanc bejn iddrittijiet tal-akkuzat u dawk tal-prosekuzzjoni."*

*Illi izda l-Qrati Kostituzzjonali ma baqghux isegwu l-pronunzjament kemm tal-Qorti Ewropea kif ukoll is-sentenza precedenti ta' Esron Pullicino u Alvin Privitiera. Fil-fattm, nonostante illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem b'diversi sentenzi rriteniet illi n-nuqqas wahdu ta' assistenza legali jikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta b'diversi sentenzi bdiet tinterpreta d-dritt ghall-assistenza legali b'mod iktar restrittiv fejn sahqet ghall-htiega ta' elementi ohra fosthom vulnerabbilita' tal-interrogat u l-karattru antecedenti tieghu.*

*Illi izda ricentament il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem b'sentenza fl-ismijiet Mario Borg vs. Malta datata tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) sabet lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem senjatament dawk taht l-Artikolu 6 (1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea. F'dan ir-rigward il-Qorti rriteniet illi d-dritt tal-assistenza legali ghandha tkun ir-regola generali u tali dritt ghandu jinghata mill-istadju inizjali tal-investigazzjoni salv f'cirkustanzi eccezzjonali. Kompliet ittenni li d-dritt tad-Difiza jkun ippregudikat meta persuna taht invesitgazzjoni taghti stqarrija fejn tinkrimina lilha nnifisha minghajr ma tkun inghatat id-dritt illi tikkonsulta ma' avukat tal-fiducja taghha. Inoltre, l-istess Qorti rriteniet illi c-cahda sistematika ta' dan id-dritt huwa leziv tal-Artikolu 6 u cioe' dak ghal smiegh xieraq. Fil-fatt, l-istess Qorti sahqet illi:*

*"(i) General principles*

*56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

*58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

*(ii) Application to the present case*

*59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack*

*of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.*

*60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.*

*Illi addirittura fil-"consenting opinion" tieghu l-Imhallef Pinto De Albuquerque qal illi l-interpretazzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta kienet qed taghti ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea ta' Salduz, fi proceduri simili ghal tal-protestant, kienet tammonta ghal "breach of the "constitutional instrument of European public order" and its "peremptory character". Aktar minn hekk, l-istess Imhallef sahaq illi "In other words, the Government is claiming that*

*Salduz did not post a principle of law and therefore national courts may depart from it when the facts of a case are not exactly the same as those in Salduz. This view not only downgrades Salduz to the rank of a strictly fact-sensitive understatement by the Grand Chamber, but, worse still, reflects a wrong and worrying methodological perspective on the Court's role and the legal force of its judgments.*

*Illi finalment jinghad li l-istess consenting opinion tkompli tikkontradici l-posizzjoni li hadet il-Qorti Kostituzzjonali fl-interpretazzjoni ta' dan id-dritt fundamentali. Fil-fatt l-istess opinjoni tghid hekk:*

*In spite of the crystal-clear course taken by the Court towards reinforcing the right to legal assistance for defendants from the very beginning of the investigation and particularly when in police custody or during police questioning, the Constitutional Court of Malta chose to contradict the letter and the spirit of the Grand Chamber's judgment, introducing a broadly formulated caveat to its applicability: the vulnerability of the defendant. No plausible grounds were given for this radical change from the same Constitutional Court's prior case-law, which had specifically denied the "decisive" role of the age or vulnerability factor in the determination of the Salduz right to legal assistance. Worse still, no specifics were provided as to the relevant characteristics of vulnerable persons. On this fragile legal basis, the impact of the Grand Chamber case-law was, in practical terms, limited to "exceptional" cases.*

*Illi inoltre l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza Malcolm Said vs. Avukat Generali datata erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) filwaqt illi ghamlet referenza ghas-sentenza ta' Mario Borg vs Malta surreferita sahqet illi:*

*Applikat dan l-insenjament ghal kaz in ezami, u fin-nuqqas ta' provi dwar xi ragunijiet impellanti ghar-ristrezzjoni ta' dritt t'assistenza t'avukat, din il-Qorti tqis illi r-rikorrenti soffra lezju tad-dritt tieghu ghas-smiegh xieraq in vista tal-fatt li ma kienx assistit minn avukat qabel ma rrilaxxa l-istqarrija tieghu. Il-Qorti tqis ukoll li ghandha tapplika l-istess ammont ta' Danni li akkordat fil-lodo taghha il-Qorti Ewropea fil-kaz fuq citat u cioe elfejn u hames mitt Ewro (€2,500). Il-Qorti hadet nota ukoll tal-konkluzjoni u censura kontenuta fil-Concurring and Dissenting Opinion tal-Imhallef tal-Qorti Ewropea Pinto de Albuquerque , li tinsab a fol. 43 tas-sentenza Borg vs Malta .*

*Ghalhekk l-istqarrija moghtija mill-esponenti inghatat fi zmien meta huwa ma setax jikkonsulta mal-avukat tal-ghazla tieghu u ghalhekk ma setax jigi spjegat*

*lilu l-konsegwenzi ta' dak li kien qieghed jghid. Ghaldaqstant il-fatt illi din l-istqarrija giet ammessa fil-proceduri kriminali u anke peress illi l-istess stqarrija giet moqrija lilu u saret referenza ghaliha fix-xhieda guramentata tieghu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, liema stqarrija skont gurisprudenza kopjuza kemm Ewropea kif ukoll dik Maltija ittiehdet b'mod leziv u tikser id-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq, u l-fatt illi l-esponenti ma inghatax access ghal file tal-Pulizija (rule of disclosure) ikkundizzjona b'mod negattiv l-andament, il-procediment u l-ezitu tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti.*

***2) Il-Funzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali***

*Illi inoltre l-esponenti ma inghatax smigh xieraq stante illi hija l-prassi fil-Qrati tal-Appell illi jillimitaw il-funzjoni taghhom stess ghal wahda ta' review u dan iwassal ghal nuqqas ta' smigh xieraq b'mod specjali fin-nuqqas, fis-sistema legali ta' Malta, tat-tielet grad ta' revizjoni fil-forma ta' Qorti Suprema jew revizjoni ekwivalenti.*

*Illi specjalment f'kazijiet ta' reati fejn hemm latitudni ta' piena mill-aktar wiesgha, m'huwiex sufficjenti illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell tezamina biss jekk il-piena hijiex fil-parametri (esageratament wesghin) tal-Ligi, stante illi tenut kont tal-istess latitudni ta' piena, anke piena entro l-parametri mhux necessarjament tfisser piena gusta ghall kaz u dan bi ksur tal-art 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni;*

*Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali meta giet biex tikkunsidra l-appell tal-esponenti rriteniet illi:*

*Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx ragonveli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

*Illi l-Artiklu 428 (6) tal-Kodici Kriminali, Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta, illi jitkellem fuq is-setgha tal-Qorti tal-Appell Kriminali meta jkun hemm appell biss fuq il-mertu minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (bhalma kien fil-kaz odjern) jipprovdi illi:*

*(6) Jekk l-appell ikun biss fuq il-mertu tal-kawża, il-qorti superjuri għandha tiddeċidi l-kawża billi twettaq, tbiddel jew tħassar is-sentenza li minnha jkun sar appell.*

*Illi l-ebda artikolu tal-Kodici Kriminali ma jipprovdi kif irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali illi Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u fil-fatt tali pronunzjament johrog biss mill-Gurisprudenza izda mhux mil-ligi. Illi jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali ma taghmilx tali ezercizzju hi tkun qed tillimita l-funzjoni taghha ghal wahda ta' review u dan iwassal ghal nuqqas ta' smigh xieraq b'mod specjali fin-nuqqas, fissistema legali ta' Malta, tat-tielet grad ta' revizjoni fil-forma ta' Qorti Suprema jew revizjoni ekwivalenti.*

*Illi inoltre  l-esponenti jirrileva illi huwa ma inghatax smigh xieraq stante illi hija l-prassi fil-Qrati tal-Appell illi jillimitaw il-funzjoni taghhom stess ghal wahda ta' review u dan iwassal ghal nuqqas ta smigh xieraq b'mod specjali fin-nuqqas, fis-sistema legali ta' Malta, tat-tielet grad ta' revizjoni fil-forma ta' Qorti Suprema jew revizjoni ekwivalenti.  Illi specjalment f'kazijiet ta' reati fejn hemm latitudni ta' piena mill-aktar wiesgha, m'huwiex sufficjenti illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell tezamina biss jekk il-piena hijiex fil-paramentri (esageratament wesghin) tal-Ligi, stante illi tenut kont tal-istess latitudni ta' piena, anke piena entro l-parametri mhux necessarjament tfisser piena gusta ghall kaz u dan bi ksur tal-art 39 tal-Kostituzzjoni u l-art 6 tal-Konvenzjoni;*

***3) Rimedju***

*Illi dwar ir-rimedju mitlub minnu, l-esponenti jaghmel referenza inter alia ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Panovits vs Cipru, deciza fil-11 ta' Dicembru, 2008, fejn il-Qorti qalet:*

*"It reiterates that when an applicant has been convicted despite an infringement of his rights as guaranteed by Article 6 of the Convention, he should, as far as possible, be put in the position that he would have been in had the requirements of that provision not been disregarded, and that the most appropriate form of redress would, in principle, be trial de novo or the reopening of the proceedings.''*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob reverentement lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*Tiddikjara illi gew lezi d-drittijiet tal-esponenti ghal smigh xieraq kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi inkluz billi jerga` jistema` l-kaz mill-gdid".*

Rat **ir-risposta tal-intimati Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija** tat-8 ta' April 2016[1] li permezz taghha tressqu s-segwenti eccezzjonijiet;

*"(I) Illi permezz tar-Rikors odjern ir-rikorrent qed jallega ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni senjatament a bazi ta' lanjanza li meta irrilaxxa l-istqarrija lil Pulizija ma kellux assistenza legali peress li l-ligi dak iz-zmien ma kinitx tipprovdi ghad-dritt tal-assistenza legali lill-arrestat u peress li l-istess stqarrija saret referenza ghaliha fix-xhieda guramentata tieghu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u li hija l-prassi tal-Qrati tal-Appell li jillimitaw il-funzjoni taghhom stess ghal wahda ta' review u allegatament dan iwassal ghal nuqqas ta' smigh xieraq b'mod specjali fin-nuqqas, fis-sistema legali ta' Malta, tat-tielet grad ta' revizjoni fil-forma ta' Qorti Suprema jew revizjoni ekwivalenti;*

*(II) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-esponent jirrespingi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent kollha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li c-cirkostanzi tal-kaz ma jirraprezentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ai termini tal-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:*

*(i) Illi fl-ewwel lok, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni, ma jwassalx awtomatikament ghal ksur tad-dritt ta' smigh xieraq kif donnu qed jippretendi r-rikorrent. L-esponent jirribatti li kull kaz ghandu jigi ezaminat skont ic-cirkostanzi partikolari tieghu u l-imsemmi dritt irid jigi evalwat fir-rigward tat-totalita' tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward*

[1] Fol 18 et seq

*ta' mument specifiku kif qed jipprova jaghmel ir-rikorrent odjern; apparti l-fatt li fic-cirkostanzi odjerni l-Prosekuzzjoni kellha provi korroboranti ohra;*

*(ii) Illi effettivament fil-kaz odjern, bl-ebda mod ma jirrizulta li r-rikorrent kien imgieghel jaghti l-istqarrija li ta. Fil-fatt, jirrizulta li r-rikorrent inghata t-twissija skont il-ligi senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq izda li dak li kien ser jghid seta' jingieb bhala prova kontrih u ghalhekk ir-rikorrent irrilaxxa l-istess stqarrija volontarjament u anke iffirma li l-kontenut taghha kien korrett;*

*(iii) Illi l-esponent jirrileva li Qorti ta' Gurisdizzjoni penali ghandha l-kompetenza sabiex tevalwa l-validita u l-ammissibilita tal-provi kollha kif migjuba quddiemha ai fini tal-proceduri kriminali. Inoltre, jidher li waqt il-proceduri kriminali r-rikorrent kien assistit minn Avukat Difensur;*

*(iv) Illi wiehed mill-principji li ormai gie stabbilit fil-kazijiet Kostituzzjonali, kif bazati anke fuq l-insenjament tal-kazistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom Salduz v Turkey*[2]*, certament hu li ebda Qorti, f'ebda hin ma stabbilit bhala principju universali li n-nuqqas ta' assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament iggib maghha lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrent kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Inoltre, in sostenn tal-posizzjoni taghhom l-esponenti jixtiequ jaghmlu referenza ghal-kazijiet fl-ismijiet : Charles Steven Muscat v Avukat Generali*[3] *; John Attard v Prim Ministru et*[4] *; Ir-Repubbklika ta' Malta v Alfred Camilleri*[5] *; Ir-Repubbklika ta' Malta v Martin Dimech*[6] *u Il-Pulizija v Norman Lowell*[7]*;*

---

[2] Ref 36391/2002
3 Ref App Civ 75/2010 QK [08.10.2012]
[4] Ref App Civ 46/2011 QK [31.05.2013]
5 Ref App Civ 32/2011 QK [31.10.2014]
6 Ref App Civ 43/2011 QK [26.04.2013]
7 Ref PA Kost. 6/2012 [02.10.2012]

*(v) Illi l-esponent jirribatti li l-lanjanza tar-rikorrent li matul l-investigazzjoni tal-Pulizija ma setghax ikollu rapprezentanza legali hija ukoll insostenibbli, peress li l-ebda imputat ma kellu dan id-dritt fil-perijodu relattiv u ghalhekk anke f'dan ir-rigward ma gewx lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*(vi) Illi fir-rigward tat-talba sabiex din l-Onorabbli Qorti takkorda rimedji effettivi, inkluz billi jerga jinstema l-kaz mill-gdid, dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li fic-cirkostanzi odjerni kien hemm xi ksur tad-drittijiet tar-rikorrent, haga li l-esponenti qed jikkontestaw, l-esponenti jirrilevaw li fic-cirkostanzi odjerni dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun sufficjenti. Inoltre, l-esponenti jirrilevaw li l-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha tirrigwarda l-kompatibilita tac-cirkostanzi li fihom saret l-istqarrija u kif tmexxa l-process gudizzjarju mal-Konvenzjoni Ewropeja u mal-Kostituzzjoni ta' Malta, mentri fl-umli fehma tal-esponenti, il-kwistjoni tar-rimedju hija kompetenza tal-Qrati ta' Gurisdizzjoni penali li ghandhom l-Gurisdizzjoni sabiex jevalwaw l-validita u l-ammissibilita tal-provi kollha kif migjuba quddiemhom ai fini tal-proceduri kriminali;*

*(vii) Illi lanqas ma tregi l-lanjanza tar-rikorrent li allegatament ma inghatax smigh xieraq stante li hija l-prassi tal-Qrati tal-Appell li jillimitaw il-funzjoni taghhom stess ghal wahda ta' review u allegatament dan iwassal ghal nuqqas ta' smigh xieraq b'mod specjali fin-nuqqas, fis-sistema legali ta' Malta, tat-tielet grad ta' revizjoni fil-forma ta' Qorti Suprema jew revizjoni ekwivalenti; peress li jirrizulta car mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 13 ta' Jannar, 2016, li l-istess Qorti kienet moralment konvinta li d-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti kienet korretta u effettivament wara li gharblet ic-cirkostanzi u l-provi kollha in atti, ipprovdiet li:*

*"Kollox idur mal-fatt li l-Ewwel Qorti emmnet il-verzjoni li offriet il-minuri u ma emmnietx il-verzjoni li offra l-appellant. Kif inghad fuq din il-Qorti fliet sew il-provi mressqa mill-partijiet u waslet ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti setghet ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni taghha. Din il-Qorti tikkondividi wkoll il-konkluzzjonijiet milhuqa mill-Ewwel Qorti.*

*Illi dwar il-piena, din mhux biss hi fil-parametri tal-ligi izda hi wkoll fil-minimu taghha. …"*

*(viii) Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz;*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq esposti, l-esponenti jirrilevaw li c-cirkostanzi odjerni ma jirraprezentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ghalhekk l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors Promotur; bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent".*

Rat il-provi mressqa mill-partijiet;

Rat l-atti tal-proceduri kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Raymond Bonnici*.;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi;

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Fil-kaz tal-lum ir-rikorrent kien ghadda proceduri kriminali dwar allegat kaz ta' korruzzjoni ta' minorenni fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 t'Awissu 2007 fil-limiti tax-Xghajra. Fis-sentenza taghha tal-24 ta' Settembru 2013[8] l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabet lil Bonnici hati u

[8] Fol 398 – inkartament tal-proceduri kriminali

kkundannatu ghal piena karcerarja. Fit-13 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Apell Kriminali cahdet l-appell tal-istess Bonnici u kkonfermat is-sentenza appellata.

In segwitu ghal tali proceduri, r-rikorrent irrikorra quddiem din il-Qorti b'allegazzjoni ta' ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem a bazi ta' dawn l-ilmenti:

1. Ir-rilaxx tal-istqarrija tieghu lill-Pulizija minghajr ma nghata access ghall-assistenza legali;

2. Non-osservanza tar-*rule of disclosure*; u

3. Nuqqasijiet fil-funzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

Huwa qieghed jitlob rimedji effettivi inkluz izda mhux limitat ghas-smiegh mill-gdid tal-proceduri kriminali surreferiti.

Minn naha taghhom l-intimati jilqghu ghal din l-azzjoni billi jinnegaw kwalunkwe ksur ta' dawn id-drittijiet fundamentali stante li fil-fehma taghhom (i) il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni, ma jwassalx awtomatikament ghal ksur ta' drittijiet ta' smiegh xieraq, (ii) ir-rikorrent ma giex imgieghel jaghti l-istqarrija li ta, (iii) l-ilment tar-rikorrent dwar l-istqarrija huwa nsostenibbli wkoll peress li fil-perjodu relattiv ebda mputat ma kellu dan id-dritt. Inoltre skont l-intimati, jirrizulta car mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali li hija kienet konvinta mill-korrettezza tad-decizjoni tal-ewwel Qorti wara li gharblet ic-cirkostanzi u l-provi kollha in atti.

## 1. Id-dritt t'assistenza legali qabel ir-rilaxx tal-istqarrija

Ir-rikorrent jargumenta li fil-proceduri kriminali surreferiti huwa kien irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija nhar is-7 t'Awissu 2007 minghajr ma kellu assistenza legali stante li f'dik l-epoka l-ligi Maltija ma kinitx tipprovdi ghad-dritt t'assistenza legali lill-arrestat f'ebda hin tal-investigazzjoni, arrest, qabel jew matul l-interrogazzjoni. Skont ir-rikorrent, l-ammissjoni tieghu fl-istqarrija kienet influwenzata minn anzjeta` u agitazzjoni. Di piu' waqt ix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati, giet moqrija lilu l-istqarrija tieghu u saret referenza estensiva ghaliha b'dana li din l-istess stqarrija ikkundizzjonat l-andament u l-prosegwiment tax-xhieda guramentata tieghu quddiem dik l-istess Qorti. Dan imur kontra gurisprudenza ormai stabbilita kemm mill-Qrati nostrali kif ukoll dawk tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghar-rikorrent, ghalkemm il-Qorti tal-Magistrati fuq talba tad-difiza kienet iddikjarat li sejra tiskarta l-istqarrija ta' Bonnici ghal finijiet ta' sejbien ta' htija o meno, dan ma kienx sufficjenti peress li l-istess stqarrija saret ampja referenza ghaliha wkoll fix-xhieda guramentata tieghu quddiem dik il-Qorti, b'dana li allura dik il-Qorti kellha tiddikjara n-non ammissibilita' tal-istqarrija tieghu flimkien mal-kontenut taghha u kull fejn saret referenza ghaliha f'dawk l-atti processwali.

Huwa jilmenta wkoll mill-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha ma ghamlet ebda referenza ghar-rigward tal-ammissibilita' o meno tal-istqarrija ta' Bonnici b'dana li m'huwhiex car ghalih jekk fis-sejbien ta' htija din il-Qorti strahitx jew le fuq din l-istqarrija.

Bonnici jistrieh fuq gurisprudenza in materja biex jargumenta li ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 jissussisti awtomatikament mic-cahda tal-access tal-assistenza legali lill-persuna suspettata u dan indipendentement mic-cirkustanzi, karattru jew vulnerabilita' tal-persuna nvestigata. Fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrent jghid li huwa kien fi stat vulnerabbli fil-mument li rrilaxxja l-istqarrija peress li din kienet l-ewwel darba li huwa xellef idejh mal-gustizzja u hassu ntimidat mill-istess prezenza ta' numru ta' pulizija f'ambjent minnu nnifsu stramb ghalih.

Mill-atti tal-proceduri kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Raymond Bonnici* jirrizulta li:

i. Fil-5 t'Awissu 2007 dahal rapport ghand il-Pulizija minghand persuna li allega li bintu minuri kienet giet abbuzata sesswalment mir-rikorrent. Giet mitkellma wkoll il-minorenni li tat il-verzjoni taghha fl-istess rapport[9]. Saret talba mill-kwerelant sabiex jittiehdu passi kriminali kontra l-istess rikorrent[10];

ii. Gie mitkellem ir-rikorrent u fis-7 t'Awissu 2007, huwa rrilaxxja stqarrija lill-Pulizija wara li nghata s-solitu twissija li huwa ma kienx obbligat iwiegeb ghal ebda domanda li ssirlu u li dak kollu li kien se jaghzel li jghid se jitnizzel bil-miktub u jista' jingieb bhala prova. Ir-rikorrent kien iffirma l-istqarrija wara li ddikjara li huwa ghamilha minn jeddu minghajr theddid jew promessi ta' xi vantagg fejn stqarr ukoll li dak li qal kien il-verita'[11];

iii. F'din l-istqarrija huwa kien ammetta agir inkriminanti marbut mal-korruzzjoni tal-minuri;

[9] Fol 10
[10] Fol 9
[11] Fol 21 et seq

iv. Dakinhar stess ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti b'akkuzi ta' korruzzjoni ta' minorenni[12];

v. L-ispettur investigattiv kien xehed li r-rikorrent kien ilu arrestat mill-jum ta' qabel u kien agitat, eccitat u nervuz[13];

vi. Xehed ukoll PS 1404 Anthony Cutajar dwar il-komportament tar-rikorrent fic-cella fil-perjodu li fih kien mizmum arrestat[14]. Gie anke mghajjat tabib li ssominsitra pillola lir-rikorrent biex jikkalma[15];

vii. L-istqarrija tar-rikorrent giet rilaxxjata f'inqas minn 24 siegha mill-arrest[16];

viii. Ir-rikorrent kien ghazel li jixhed fil-proceduri kriminali u ta verzjoni kompletament differenti minn dik li kien ta fl-istqarrija[17]. Il-Qorti regghet qratlu l-istqarrija li hu kien ta lill-Pulizija u ghamlitlu xi domandi dwarha[18];

ix. **Waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2012 quddiem il-Qorti tal-Magistrati, allura wara li l-Qorti kienet fil-fatt ghamlet ampja referenza ghal istqarrija bil-hsieb car li tasal ghall-verita` tal-fatti minhabba nkonsistenzi fl-istess xhieda tal-imputat u allegazzjonijiet li hu beda jaghmel fil-konfront ta' l-ispettur investigattiv, id-difiza vverbalizzat u talbet li in linea mad-decizjonijiet li kienu qed jittiehdu mill-Qrati nostrali dwar l-ammissibilita' o meno tal-istqarrija tal-imputat moghtija fl-assenza ta' parir legali, lill-Qorti sabiex twarrab kompletament l-istqarrija moghtija mill-imputat fil-kawza u kwalunkwe referenza li saret ghaliha fix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni.** Il-prosekuzzjoni u d-difensur tal-parte civile irrimettew ruhhom. **Il-Qorti rrizervat li tipprovdi dwar din it-talba fil-gudizzju finali[19];**

x. Fis-sentenza taghha tal-24 ta' Settembru 2013, il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, wara li ghamlet kunsiderazzjonijet estensivi dwar din it-talba fid-dawl tal-gurisprudenza lokali u dik tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem qalet hekk:

---

[12] Fol 3 – inkartament tal-proceduri kriminali
[13] Xhieda tal-Ispettur Alexander Grech a fol 59 et seq u a fol 188 et seq - inkartament tal-proceduri kriminali kif ukoll ix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti
[14] Fol 204 – 218 - inkartament tal-proceduri kriminali
[15] xhieda tat-tabiba Antonella Grima a fol 227 et seq - inkartament tal-proceduri kriminali
[16] Fol 60
[17] Fol 232 et seq
[18] Fol 249 et seq; u fol 254 et seq
[19] Fol 342 - inkartament tal-proceduri kriminali

***"Il-Qorti wara li kkunsidrat it-talba hawn fuq imsemmija ghal dikjarazzjoni ta' non ammissibilita' tal-istqarrija tal-imputat mhux ser tordna l-isfilz tal-istess stqarrija izda mhijiex ser tiehu in konsiderazzjoni dak li qal l-imputat fl-istess stqarrija ghal finijiet ta' sejbien ta' htija o meno."*** [20] [Enfasi u sottolinear ta' din il-Qorti]

xi. Il-Qorti kienet sabitu hati, ghalkemm mhux tal-imputazzjonijiet kollha, u kkundannatu tlett snin prigunerija.

xii. Ir-rikorrent odjern appella minn din is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali[21];

xiii. Fit-13 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonkludiet li l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni taghha u kkondividiet ukoll il-konkluzjonijiet raggunti mill-ewwel Qorti. Dwar il-piena qalet li din mhux biss kienet fil-parametri tal-ligi, izda hi wkoll fil-minimu taghha.

**L-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi hekk:

***39. (1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."***

Ghal kull buon fini l-Qorti tirrileva li gurisprudenza li originarjament insenjat li dan l-artikolu ma japplikax f'cirkostanza simili bhal dawk tal-lum – u cioe` meta l-allegata lezjoni tkun tirreferi ghal stadju li jipprecedi l-bidu tal-procedimenti quddiem il-Qrati[22] - giet ormai sorpassata b'gurisprudenza aktar ricenti li kkonfermat l-applikabilita' ta' dan l-artikolu anke fic-cikostanzi appena msemmija.

Fil-kaz **Malcolm Said vs Avukat Generali et** deciz fl-24 ta' Gunju 2016[23] l-Qorti Kostituzzjonali ddeliberat hekk -

*"6. L-ewwel aggravju tal-konvenuti jolqot l-applikabilità tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni f'ċirkostanzi bħal dawk fil-każ tallum meta kienu għadhom ma nbdewx il-proċeduri kontra l-attur meta tteħditlu l-istqarrija u għalhekk kien għadu mhux "akkużat b'reat kriminali". Il-konvenuti fissru l-aggravju hekk:*

---

[20] Fol 403
[21] Fol 410 et seq - inkartament tal-proceduri kriminali
[22] Ara kaz Rik Nru 100/13 **Peter Joseph Hartshorne vs L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija** deciz deciz fit-30 ta' Mejju 2014 (konfermat fl-appell fis-27 ta' Frar, 2015)
[23] Rik kost 74/14

*»L-esponenti jirrilevaw f'dan il-kuntest li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli għall-każ tal-appellat u dan peress li dan l-artikolu japplika biss meta persuna tkun akkużata b'reat u mhux qabel. Mill-atti proċesswali jirriżulta li l-lanjanza odjerna tirreferi għall-istadju qabel l-appellat tpoġġa taħt akkuża u riferibbilment għall-istadju tal-interrogazzjoni u għalhekk ma tinkwadrax ruħha f'dak li jipprovdi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.«*

*7. Il-konvenuti jirreferu għas-sentenzi fil-każ* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Godwin Migneco****, u fil-każ* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Dimech****, mogħtija fil-15 ta' Novembru 2011, fejn intqal hekk:*

*»Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qiegħda tinstama' minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata. Għalhekk, tqies li d-disposizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti u lanqas għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja;*

*»Illi minħabba li ċ-ċirkostanzi li dwarhom l-akkużat ressaq it-talba tiegħu għar-referenza jirrigwardaw ġrajja li seħħew qabel ma kien inbeda xi proċediment kontra l-akkużat, l-ilment tiegħu jaqa' lil hinn mill-ambitu tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.«*

*8. Dan huwa minnu. Ma jfissirx iżda illi dak li jkun sar qabel ma l-attur ikun akkużat ma jistax jolqot, bi preġudizzju għalih, dak li jiġri wara li jiġi akkużat, b'mod li, minħabba dak li jkun sar qabel, ma jkunx jista' jingħata smigħ xieraq. Li jfisser hu illi l-ksur – jekk it-teħid tal-istqarrija jkun sar bi ksur tad-drittijiet tal-attur – iseħħ mhux bil-fatt li tkun ittieħdet l-istqarrija (meta l-attur kien għadu mhux "akkużat")* ***iżda bil-fatt li jsir użu minn dik l-istqarrija waqt il-proċess kriminali, meta allura l-attur ikun "akkużat"[24].***

*9. Għal din ir-raġuni ma jistax jingħad a priori illi l-art. 39 huwa għal kollox inapplikabbli, u l-aggravju huwa għalhekk miċħud."*

Ir-rikorrent jallega wkoll ksur tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem**, li fil-partijiet rilevanti tieghu ghal finijiet tal-kaz odjern jghid hekk:

[24] Enfasi ta' din il-Qorti.

***"(1) In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law.***

***[…]***

***(3) Everyone charged with a criminal offence has the following minimum rights:***

***[….]***

***(c) to defend himself in person or through legal assistance of his own choosing or, if he has not sufficient means to pay for legal assistance, to be given it free when the interests of justice so require;"***

Huwa pacifiku li d-dritt ta' persuna arrestata biex tirrikorri ghal assistenza legali promulgat bl-Att III tal-2002 dahal fis-sehh fil-Kodici Kriminali snin wara, u cioe` fl-10 ta' Frar 2010 b'effett tal-Avviz Legali 35 tal-2010[25]. Dan id-dritt issa kompla jigi msahhah bl-emendi li saru fl-istess Kodici bis-sahha tal-Att Nru LI tal-2016 intitolat *"Att biex jipprovdi ghal assistenza legali waqt detenzjoni u drittijiet ohra ghal persuni arrestati".*

Isegwi li fil-kaz odjern, peress li l-istqarrija in ezami ttiehdet fl-2007, ir-rikorrent ma kellu ebda dritt bil-ligi li jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu la qabel u lanqas matul l-interrogazzjoni tal-pulizija.

Il-gurisprudenza rigwardanti r-riperkussjonijiet kostituzzjonali tat-tehid ta' stqarrija ta' persuna nterrogata minghajr access ghal assistenza legali hija *ormai* abbundanti ghalkemm mhux nieqsa minn zviluppi matul is-snin.

Fil-kaz **Aaron Cassar vs L-Avukat Generali et deciza fit-28 ta' Jannar 2016**[26] din il-Qorti diversament preseduta elenkat rassenja ta' gurisprudenza in materja -

*"Il-Qorti Ewropea, fil-kaz* ***Salduz v Turkey****, fil-paragrafu determinanti irriteniet li:-*

*"1. Against this background, the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" (see paragraph 51 above),*

[25] Artikoli 355AT u 355AU tal-Kodici

[26] Rik kost 7/14

*Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 (see, mutatis mutandis, Magee, cited above, § 44).* ***The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction."***[27]

**Salduz** *gie segwit mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi citati mir-rikorrent odjern.*

*Fil-kaz ta'* **Alvin Privitera,** *kien l-Avukat Generali li appella u ressaq l-istess ilment li llum jinsab eccepit li bhala principju ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali, imma biss dritt ghal smigh xieraq meta persuna tkun akkuzata b'reat kriminali.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali ma accettatx din l-intepretazzjoni u siltet l-principju enuncjat mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta'* **Salduz v Turkey** *hekk:*

*"Illi din il-Qorti thoss li l-gurisprudenza ormai stabbilita tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ara* **Salduz** *fuq riferita) ghandha f'dan il-kaz tigi segwita. Ir-regola hi li l-Artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni mill-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghall-avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni.*

*Izda anke jekk ikun hemm ragunijiet impellenti ghal xi restrizzjonijiet, tkun xi tkun ir-raguni, dawn ir-restrizzjonijiet ukoll m'ghandhomx jippregudikaw id-drittijiet tal-akkuzat taht l-Artikolu 6.*

[27] Enfasi ta' din il-Qorti.

***Dan id-dritt tal-akkuzat ikun irremedjabbilment pregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula meta ma jkunx assistit minn avukat u dawn l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu."***[28]

*Fil-kaz fl-ismijiet **Charles Steven Muscat v Avukat Generali** (Q.K 8.10.2010) il-Qorti Kostituzzjonali tat interpretazzjoni awtorevoli imma aktar ristretta fejn inkwadrat id-dritt pretiz fl-isfond shih tal-fairness of the trial :-*

*"16. Li l-eżerċizzju li trid tagħmel il-qorti ma huwiex wieħed purament formali, biex tara biss jekk seħħx "il-fatt biss li r-rikorrent kien prekluż mill-liġi li jikkonsulta ma' avukat", huwa kompatibbli mad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'din il-materja.*

*17. Hekk, fil-każ ta' **Imbrioscia v. l-Isvizzera**[29] il-Qorti Ewropea osservat illi:*

*"Other requirements of Article 6 - especially of paragraph 3 - may also be relevant before a case is sent for trial if and in so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with them."*

*B'riferenza ghall-kaz ta' **Salduz,** il-Qorti Kostituzzjonali taghna osservat li :*

*"20. Tassew illi jidher illi f'sentenzi aktar riċenti l-Qorti Ewropea x'aktarx bidlet l-atteġġjament, u tidher li trid tagħti x'tifhem illi l-għajnuna ta' avukat f'kull waqt tal-proċess penali, sa mill-ewwel interrogazzjoni, hija fattur 'sine qua non' għal smigħ xieraq. "*

*Madanakollu wara li ghamlet rassenja tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea osservat :*

*"Għandu jingħad ukoll illi l-Qorti Ewropea wkoll fl-istess każ ta' Salduz osservat illi l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każ biss li, minħabba f'hekk, il-ġustizza tal-proċess tkun kompromessa:*

[28] Enfasi ta' din il-Qorti
[29] Q.E.D.B. 24 ta' Novembru 1993, rikors 13972/88.

*'Article 6 - especially paragraph 3 – may be relevant before a case is sent for trial if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with its provisions.[30]"*

*Sussegwentement il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta interpretat dan id-dritt biss fil-kaz fejn sabet li minhabba diversi cirkostanzi apprezzati skont il-kaz, li l-akkuzat seta' jitqies li kien vulnerabbi meta rrilaxxja l-istqarrija. (Ara ad ezempju* **Anthony Taliana v Kummissarju tal-Puizija et.** *Q.K. - 6 ta' Frar 2015.)*

*Ghaldaqstant jidher li l-oghla Qorti fil-pajjiz fehmet li lanqas dawk is-sentenzi tal-Qorti fi Strasbourg ma għandhom jitqiesu li ħolqu xi kejl assolut dwar dan il-jedd. Għalhekk, minn ħdan l-istess sentenzi, l-Qorti Kostituzzjonali siltet linja ta' ħsieb li tqiegħed il-kwestjoni tal-għajnuna ta' avukat lil min ikun interrogat fil-qafas tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Tant hu hekk li ghamlet riferenza ghall-konsegwenzi ta' inferenza sfavorevoli ("adverse inference") li jistghu jitnisslu kontra min jagħżel li ma jweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulu.[31] "Kien ikun mod ieħor li kieku l-liġi kienet tippermetti illi ssir xi inferenza mis-skiet."*

*Ta' interess l-apprezzament tal-Qorti Ewropea dwar il-linja ta' hsieb abbraccjat mill-Qrati taghna. Fil-kaz* **Dimech v Malta**[32] *il-Qorti Ewropea esprimiet il-hsieb taghha hekk:*

*"It also appears that the Constitutional Court originally followed the Salduz judgment strictly. However, at some point, notably from 2012 onwards, the Constitutional Court "restricted" its interpretation of the Salduz judgment, with the consequence that a number of persons who were subject to the systemic ban in Malta, and who therefore were not assisted by a lawyer when they made their statements, did not have the benefit of favorable judgments remedying their situation. This interpretation appears to have remained the practice thereafter, in so far as the only example brought by the applicant to demonstrate a further inconsistency was the case of The Republic of Malta vs Alfred Camilleri of 12*

---

[30] Para 50 tas-sentenza.

[31] Il-kaz ezaminat f'dik is-sentenza sehh qabel ma ddahhlu d-disposizzjonijiet tal-Art.355AT u 355 AU fil-Kodici Kriminali fejn tista' ssir inferenza mis-skiet tal-akkuzat.

[32] Deciz mill-*Fifth Chamber* fit-2 ta' April 2015.

*November 2012, which was however overturned by the Constitutional Court pending proceedings before this Court*."

*Fil-kaz ta'* **Dimech,** *il-Qorti Ewropea kkonkludiet li ma jistax jinghad li kien hemm arbitrarjeta' fid-decizjonijiet tal-Qrati taghna imma tibdil fil-hsieb u b'hekk sabet li ma kienx hemm ksur fis-sens mitlub mir-rikorrent li allega incertezza fil-ligi."*

Kien pero` l-kaz deciz mill-Qorti Ewropea **Borg v Malta** tat-12 ta' Jannar 2016[33] li kkristallizza b'mod aktar ampju l-interpretazzjoni tal-principji applikabbli ghal dawn il-kazijiet. Il-Qorti Ewropea qalet hekk –

*"56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see* ***Salduz v. Turkey*** *[GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6.* ***The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).[34]***

*58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

*(ii) Application to the present case*

[33] Application no. 37537/13
[34] Enfasi ta' din il-Qorti.

*59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.*

*60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56;* ***Navone and Others v. Monaco****, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81 -85, 24 October 2013;* ***Brusco v. France****, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and* ***Stojkovic v. France and Belgium****, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011 ). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example,* ***Dayanan v. Turkey****, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009;* ***Yeşilkaya v. Turkey****, no. 59780/00, 8 December 2009; and* ***Fazli Kaya v. Turkey****, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kaz iehor fl-ismijiet **Artur Parkhomenko v Ukraine deciz ricentement fis-16 ta' Frar 2017**[35] li fih il-Qorti Ewropea elenkat lista mhux ezawrjenti ta' fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi stabbilit l-impatt ta' nuqqasijiet kommessi fl-istadju tal-*pre-trial* fuq is-smiegh gust tal-proceduri kriminali -

*"When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account:*

*(a) Whether the applicant was particularly vulnerable, for example, by reason of his age or mental capacity.*
*(b) The legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with; where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair.*
*(c) Whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use.*
*(d) The quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion.*
*(e) Where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found.*
*(f) In the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified.*
***(g) The use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case***[36]*.*
*(h) Whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay jurors, and in the case of the latter the content of any jury directions.*
*(i) The weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue.*
*(j) Other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., 274)."*

Maghmula din ir-referenza estensiva ghall-gurisprudenza, il-Qorti tqis li l-aktar principji saljenti ghal finijiet tal-kaz tal-lum huma li:

[35] App Nru 40464/05
[36] Enfasi ta' din il-Qorti.

1. Huwa ormai inkontestabbli li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprotegu d-dritt ta' persuna suspettata li titlob l-assistenza ta' avukat sa mill-ewwel interrogatorju li jsirilha mill-pulizija, ghajr ghal cirkustanzi mpellenti li jippermettu r-restrizzjoni ta' dan id-dritt;

2. Fi kwalunkwe kaz, kull restrizzjoni ghal dan id-dritt m'ghandhiex tippregudika rrimedjabilment id-drittijiet tal-akkuzat taht il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;

3. It-thaddim ta' dawn il-principji huwa partikolarment necessarju f'kazijiet fejn persuna tkun iffacjata b'akkuzi serji ghaliex huwa fl-isfond tal-pieni l-aktar iebsa li r-rispett tal-Istat lejn id-dritt ghal smiegh xieraq ghandu jkun garantit sal-oghla grad f'socjeta` demokratika;

4. Id-dritt tal-akkuzat jigi pregudikat b'mod irrimedjabbli meta huwa jirrilaxxja stqarrijiet minghajr assistenza legali, anke jekk b'mod volontarju u wara li nghata s-solita twissija mill-Pulizija, **liema stqarrijiet jintuzaw kontrih fil-proceduri kriminali li jinfethu kontra tieghu**.

5. Inoltre, ghalkemm ic-cahda ta' dan id-dritt hija wahedha leziva rrispettivament mill-vulnerabilita' o meno tal-persuna ndagata, jekk jigi muri li fl-istadju tal-interrogazzjoni l-persuna nvestigata tkun fi stat fragli, dan ukoll ikollu mpatt negattiv fuq id-dritt ghas-smiegh xieraq ta' dik il-persuna fil-proceduri li jkunu tmexxew kontriha.

Stabbilit dawn il-principji din il-Qorti pero` ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni gurisprudenza aktar ricenti li fil-fehma taghha sahhet dak minnha enfasizzat fid-decizjonijiet surriferiti, cioe` kemm kienet incisiva u determinanti l-istqarrija mehuda qabel l-emendi msemmija tas-sena 2010, allura bla dritt ta' assistenza legali senjatament waqt l-interrogazzjoni, fil-process kriminali innifsu u l-aktar il-piz moghti lilha mill-Qorti fid-decizjoni taghha, jekk instabet htija. Dan ghaliex ebda stqarrija hekk mehuda ma tista tigi apprezzata jekk mhux fid-dawl tal-proceduri kriminali fl-intier taghhom u b'mod partikolari l-impatt taghha fuq il-gudizzju finali.

Ghalhekk inghad dan fil-kawza **Trevor Bonnici vs Avukat Generali** moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta:[37]

*"Isegwi li r-regola hi li l-artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta` avukat fl-istadju tal-investigazzjoni mill-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghal avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni. Izda anke jekk ikun hemm ragunijiet impellenti ghal xi restrizzjonijiet, tkun xi tkun ir-raguni, dawn*

[37] 10 ta' Novembru, 2016.

*ir-restrizzjonijiet ukoll m`ghandhomx jippregudikaw id-drittijiet tal-akkuzat taht l-artikolu 6. Mhux il-kaz li din il-Qorti tezamina jekk kienx hemm ragunijiet impellenti l-ghala d-dritt ghal avukat gie ristrett, billi l-appellant f`dan il-kaz, fiz-zmien li ghamel l-istqarrija, qatt ma kellu d-dritt ghal avukat.* ***Kif inghad, dan id-dritt tal-akkuzat ikun irrimedjabbilment pregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula, filwaqt li ma jkunx assistit minn avukat u sussegwentement dawn l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.'"*** [38]

F'din id-decizjoni wara li l-Qorti ghamlet referenza ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropea ghal kaz ta' **Borg** gia citata[39] ziedet - u dan huwa ta' interess ghall-ezami ta' dan l-allegat ksur u r-rimedju mitlub – illi:

"*Il-Qorti Ewropea ghamlitha cara li n-nuqqas ta` assistenza legali anki fil-pretrial stage jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt sancit bl-artikolu 6. Kif kellha okkazjoni din l-istess Qorti tistqarr (***Pulizija vs. Philip Borg***, PA Referenza Kostituzzjonali 21/2016, 30/06/2016), il-kaz Borg hu car bhala kejl in linea ta` principju. Kull stqarrija li ssir bla assistenza legali, salv f`kazijiet eccezzjonali hi lesiva tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.* ***Din il-Qorti ghandha l-kompitu illi tara mhux biss jekk in-nuqqas ta` assistenza ta` avukat fl-istadju tal-istqarrija tar-rikorrent wassalx ghall ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, izda jekk b`dan in-nuqqas inholoqx il-perikolu illi r-rikorrent jinstab hati meta ma kellux jinstab hati***[40]**.**

***Il-provi f`din il-kawza juru illi l-imputat ma kellux l-opportunita` li jkellem avukat qabel ghamel l-istqarrija jew f`xi waqt li kien mizmum fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Meta l-Qorti tezamina z-zewg sentenzi Imentati mir-rikorrent, jirrizulta li effettivament it-tnejn li huma jaghmlu referenza ghall-istqarrija tar-rikorrent fis-sejbien ta` htija tieghu,***[41] *izda jissemmew ukoll ix-xhieda tal-istess rikorrent u dik tal-Pulizija fis-sejbien ta` htija tar-rikorrent. Huwa ritenut li l-Qrati ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali m'ghandhomx jaghmlu valutazzjoni gdida tal-provi tal-process kriminali, bhallikieku l-procedura kostituzzjonali hija grad iehor ta` appell.*

*Il-fatt li l-qorti ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali tqis l-intier tal-proceduri quddiem il-qrati ta` kompetenza kriminali, ma jfissirx li ghandha taghmel valutazzjoni gdida tal-fatti, ghax il-kompitu taghha mhuwiex dak. (Ara f`dan is-sens s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-14 ta` Jannar, 2013, fl-ismijiet* ***Joseph Bugeja vs Avukat Generali****).*

[38] Enfasi tal-Qorti.
[39] Fol 22
[40] Enfasi ta' din il-Qorti.
[41] Enfasi tal-Qorti.

*Ghalkemm kien hemm ligi li taghti jedd lill-imputat ghall-assistenza legali f`dawn ic-cirkostanzi, il-fatt inkonfutabbli jibqa` li dan il-jedd ma kienx ghadu in vigore u ghalhekk fid-dawl ta` dak li ntqal, l-istqarrija li ttiehdet minghand irrikorrent fil-21 ta` Lulju 2004**, kif ukoll il-fatt li l-istess stqarrija nghatat qies fl-ghoti tas-sentenzi in ezami, iwasslu lil din il-Qorti sabiex issib li tassew kien hemm lezjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq u konsegwentement saret bi ksur tal-jedd fundamentali tal-imputat ai termini tal-artikolu 6(1) u (3)(c) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta"***[42]

Din il-Qorti kif diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Dominic Camilleri vs Avukat Generali**[43] identikament ghal dak appena citat, qalet dwar uzu ta' stqarrija mehuda bla ma l-investigat jigi moghti dritt ta' assistenza legali u li sussegwentement tigi uzata biex isservi ghal sejbien ta' htija fil-konfront tieghu:

"*Fil-kaz tal-lum, jirrizulta illi fil-kors tal-kawza istitwita kontra r-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali illi r-rikorrent ma kienx inghata l-opportunita` li jkellem avukat qabel ma ghamel iz-zewg stqarrijiet, ghaliex fiz-zmien tal-kaz il-ligi domestika taghna ma kenitx taghti dak id-dritt. Wara li ghamel l-ewwel stqarrija, ir-rikorrent kien rilaxxjat mill-Pulizija. Dwar it-tieni stqarrija, inghad illi din inghatat mir-rikorrent minn jeddu meta mar huwa stess biex jirrilaxxja t-tieni stqarrija.*

*Minn esami tas-sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, jirrizulta li dik il-Qorti qieset bhala ammissibbli z-zewg stqarrijiet u ghamlet uzu minnhom fis-sejbien tal-htija tar-rikorrent.*

*L-Avukat Generali jgib l-argument illi l-procediment tal-lum huwa ntempestiv ghaliex kienx hemm lezjoni jista` jigi determinat biss mit-totalita` tal-provi. Huwa biss wara l-gbir tal-provi kollha li jista` jigi determinat kienx hemm lezjoni inkella le.*

*L-Avukat Generali jsostni l-argument billi jirreferi ghas-sentenzi : QK – 13 ta` Marzu 2006 -* ***Busietta vs Avukat Generali*** *; QK – 26 ta` April 2013 -* ***Il-Pulizija vs Dr Melvyn Mifsud*** *; ECHR – 2 ta` April 2015 -* ***Dimech vs Malta*** *; QK – 31 ta` Mejju 2013 -* ***Aquilina vs Onor Prim Ministru et.***

*B`sostenn tal-gurisprudenza fuq citata, partikolarment is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza ta`* ***Malcolm Said*** *(op. cit.) din il-Qorti ma taqbilx li hija marbuta illi taghti decizjoni biss fi tmiem il-proceduri jekk tali proceduri jistghu jigu ppregudikati b`lezjoni tad-drittijiet fondamentali tal-persuna. Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrent jinsab fis-sitwazzjoni fejn hemm decizjoni moghtija*

[42] Enfasi ta' dinil-Qorti.
[43] Rikors 47/16 JZM deciza 28 ta' Frar, 2017

*kontra tieghu fl-ewwel istanza, u l-appell tieghu huwa wieqaf jistenna l-esitu tal-procediment tal-lum.*

*Din il-Qorti tghid illi ghandha ssegwi dak li kien deciz fis-sentenza tal-ECHR fil-kawza* **Borg vs Malta.**

*Fil-kaz ta`* ***Dimech vs Malta*** *kien ritenut li l-process fl-intier tieghu kellu jitqies sabiex jigi deciz jekk kienx hemm smigh xieraq inkella le, u li per konsegwenza fejn il-process kriminali jkun ghadu mhux konkluz, il-Qorti trid tistenna li Jintemm dak il-process biex imbaghad tqis kollox fl-intier halli tevalwa jekk kienx hemm smigh xieraq. Madanakollu, fil-kaz ta`* ***Dimech vs Malta*** *il-guri ma kienx ghadu beda fis-sens li kollox kien jinsab differit sakemm tigi deciza l-kwistjoni tal-istqarrijiet.*

*Fil-kaz tal-lum diga` hemm sentenza fl-ewwel istanza fejn ir-rikorrent instab hati u kkundannat. Fl-istadju tat-tieni istanza quddiem il-Qorti tal- Appell Kriminali, bhala regola, fejn il-provi jkunu traskritti, kif kien il-kaz tar-rikorrent, ma jergax isir smigh ta` dawk il-provi mill-gdid jew smigh ta` provi godda. Ghalhekk is-sitwazzjoni tar-rikorrent hija kemmxejn diversa minn dik li kienet fil-kaz ta`* ***Dimech vs Malta.***

*Il-Qorti Kostituzzjonali ghandha s-setgha li taghti rimedju fejn issib li disposizzjoni li thares dritt fondamentali mhux biss "qeghda tigi" izda wkoll meta "tkun x` aktar sejra tigi miksura". Dan huwa in linea ma` dak li kien deciz fil-kaz ta`* ***Malcolm Said*** *(op. cit.)* ***Ghalhekk meta jsir uzu minn stqarrija li tkun ittiehdet minghajr ma` min jaghmilha jkollu l-ghajnuna ta` avukat, dan ikun jikkostitwixxi ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, u ghalhekk "x`aktarx" illi d-dritt ghal smigh xieraq jinkiser jekk jithalla li jsir uzu mill-istqarrija. Iktar u iktar ghandu japplika dan il-principju fejn diga` nghatat decizjoni kontra ir-rikorrent bl-uzu ta` dawk l-istqarrijiet.***[44]

*[…………..]*

*Huwa evidenti illi kif l-istqarrijiet tar-rikorrenti kienu meqjusa mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Gudikatura Kriminali, daqstant iehor sejrin ikomplu jikkostitwixxu prova quddiem il-Qorti ta' revizzjoni u cioe' il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, dment illi ma tipprovidx xort'ohra din il-Qorti."*

Issir ukoll referenza ghal dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-decizjoni minn eccezzjoni preliminari fil-guri fl-ismijiet the **Republic of Malta**

[44] Enfasi ta' dinil-Qorti.

**vs Chukwudi Samuel Onyabeabor**[45]. F'dan ir-rigward din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirriproduci parti sew mill-istess biex jigi mifhum ahjar ir-*ratio* tad-decizjoni ghax fl-ahhar mill-ahhar se ssib applikazzjoni fid-decizjoni in ezami:

***"7.** The matter relating to access to a lawyer at the interrogation stage has been often debated by our Courts. Now, in **Borg vs Malta**1 the European Court of Human Rights stated precisely the following:*

*"1. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*"2. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

*"3. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

*"....*
*"4. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the*

[45] Bill of Indictment No. 5/2015; 01/12/2016

*assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*"5. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*"6. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention."*

**8.** *Following this judgement, our Constitutional Court has once again considered the issue on a number of occasions2. In* **Carmel Saliba vs L-Avukat Ġenerali** *decided by the Constitutional Court on the 16th May 2016, that Court stated:*

.

*"17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.*

*"18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.*

*"19. Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech3 fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.*

*"20. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.*

***"21. Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta' dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta' Dimech il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali***. *Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr.*

*"22. Għalhekk il-qorti sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta tteħditlu l-istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l-attur, ma hijiex sejra tħassar l-ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija tal-istqarrija mill-inkartament tal-proċess...."*

***9.** It is clear from this judgement that while in **Borg vs Malta** criminal proceedings had been concluded, in **Saliba** the Constitutional Court decided that the accused's statement should be expunged.*

***10.** In the present case, respondent Onyeabor was interrogated by the Police without having been granted access to a lawyer – notwithstanding his request for a lawyer, which was denied and this as at the time there was "a systemic restriction applicable to all accused persons". Respondent thus made a statement on the 4th February 2008 without such legal assistance.*

***11.** In **Aaron Cassar vs L-Avukat Ġenerali et**, decided by the Constitutional Court on the 11th July 2016, where the accused's statement to the Police did not contain any incriminating declarations which could in any way prejudice him – while the contrary would appear to be the case here – that Court concluded that in view of what was decided in **Borg vs Malta**, the mere fact of a denial of legal assistance in the pre-trial stage constituted a breach of Article 6(1) of the Convention read in conjunction with Article 6(3):*

*"8. Iż-żamma tal-bilanċ neċessarju bejn id-diversi interessi involuti (tal-individwu, tal-komunità, tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja) fit-twettiq tal-ħarsien tad-drittijiet fondamentali tal-individwu għandu jimmilita kontra s-sejbien ta' vjolazzjoni tal-Konvenzjoni – ħaġa serja fiha nfisha – meta ma jkun hemm ebda konsegwenzi ta' preġudizzju fuq min iqis lilu nnifsu (mingħajr ma neċessarjament ikun hekk) bħala "vittma". Din fl-aħħar mill-aħħar kienet il-motivazzjoni ta' din il-qorti fis-sentenza ta' Charles Steven Muscat v. Avukat Ġenerali4 u sentenzi oħra li ġew wara, li ma sabux ksur tal-jedd għal smigħ xieraq meta min ikun ta stqarrija mingħajr ma kellu l-għajnuna ta' avukat ma* ***jkun ġarrab ebda preġudizzju minħabba f'hekk.***

*"9. Madankollu, għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fis-sentenzi fuq imsemmija hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata illi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza ta' Borg v. Malta imsemmija mill-ewwel qorti, li tqis il-fatt biss ta' nuqqas ta' għajnuna ta' avukat bħala ksur tal-art. 6(1) moqri mal-art. 6(3) tal-Konvenzjoni."*

***12.*** *Nor has appellant Attorney General adduced any "compelling reasons" which may have justified denying respondent Onyeabor access to a lawyer at the interrogation stage.*

***13.*** *While the statement in question of the accused has not been shown to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement as laid down in article 658 of the Criminal Code, nevertheless, for the reasons stated above, the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement.*

***14.*** *For these reasons the Attorney General's appeal requesting the reversal of that part of the judgement delivered by the Criminal Court on the 17th March 2016 in the names **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor** whereby that Court upheld the first preliminary plea and declared the statement released by the accused as inadmissible, is denied and judgement is confirmed. Orders that the record be remitted to the Criminal Court for the continuation of proceedings against the said Chukwudi Samuel Onyeabor."*

Kaz aktar ricenti huwa dik id-decizjoni pronunzjata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Malcolm Bondin) vs Clayton Azzopardi**[46]:

*"8 Is-sentenzi tal-Qorti Ewropea fil-każijiet, imsemmija mill-ewwel qorti, ta' Borg u ta' Dimech, juru illi għandha ssir distinzjoni bejn sitwazz-jonijiet fejn persuna akkużata ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fl-istadju tal-interrogazzjoni u l-proċeduri kriminali kontra l-istess persuna jkunu waslu fit-tmiem tagħhom, u sitwazz-jonijiet fejn persuna akkużata ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fl-istadju tal-interrogazzjoni u l-proċeduri kriminali kontra l-istess persuna jkunu għadhom għaddejjin.*

[46] Referenza Kost. 12/2016MH 13 ta' Frar, 2017

*9. F'ċirkostanzi li jaqgħu taħt l-ewwel tip ta' sitwazzjoni, i.e. fejn il-proċeduri kriminali jkunu ntemmu, din il-qorti, qabel ma ngħatat is-sentenza ta' Borg mill-Qorti Ewropea, kienet tat numru ta' sentenzi fosthom Charles Steven Muscat v. Avukat Ġenerali1 u Geoffrey Galea v. Avukat Ġenerali et – fejn applikat il-prinċipju tal-proporzjonalità. Fi kliem ieħor, meta ġiet biex tippronunzja ruħha dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt fondamentali tas-smigħ xieraq f'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-qorti ma pprovdietx illi sempliċiment minħabba l-fatt li l-akkużat ma tħalliex jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu fl-istadju tal-interrogazzjoni, mela dan awtomatikament ifisser illi kien hemm vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, iżda kienet issib leżjoni ta' dan id-dritt fondamentali tal-akkużat f'dawn iċ-ċirkostanzi f'każijiet biss fejn l-akkużat ġarrab preġudizzju bħala konsegwenza tal-fatt li hu ma tħalliex jieħu l-parir ta' avukat. Kienet addottat dan ir-raġunament preċiżament sabiex tilqa' għall-abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u sabiex tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali.*

*10. Il-Qorti Ewropea wkoll, fil-każ ta' Dimech, kienet qalet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq. L-istess ħaġa qalet fis-sentenza aktar riċenti mogħtija fil-5 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet Tyrone Fenech et v . Malta, fejn iċ-ċirkostanzi kienu jixbhu dawk tal-każ tallum. Il-qorti qalet hekk:*

*»"In the present case the criminal proceedings concerning the applicants have not come to an end. Thus, although the constitutional jurisdictions have already decided the matter, the Court considers thatit cannot be excluded that, inter alia, the applicants be eventually aquitted or that proceedings be discontinued.*

*»The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, Dimech, ... § 48, Kesik v. Turkey, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simons v. Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame v. Belgium (dec.), no 16147/08, 2 March 2010).*

*»The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicants' possibility of bringing new pr-oceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicants are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature.*

*»Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies.«*

*11. L-argument tal-Avukat Ġenerali huwa għalhekk loġiku u raġonevoli, u l-qorti taqbel illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur ukoll jekk, kif josserva l-Avukat Ġenerali, ma jidher li hemm xejn kompromettenti għall-attur fiha. Il-qorti tasal għal din il-konklużjoni fid-dawl tal-posizzjoni li ħadet il-Qorti Ewropea fil-każ ta' Borg. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti,* ***ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità li tista' twassal għal konsegwenzi bħal dawk fil-każ ta' Borg.***[47]

*12. Il-qorti għalhekk sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma hemm ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 6 tal-konvenzjoni izda jkun hemm tali ksur jekk isir uzu mill-istes stqarrija fil-proceduri criminali kontra l-appellant Clayton Azzopardi."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern fejn il-proceduri kriminali huma konkluzi, (allura hawn japplika l-insenjament stabbilit fid-decizjoni ta' **Borg** kif segwit mill-Qorti nostrali kif surriferit), il-Qorti ssib illi meta r-rikorrent Raymond Bonnici rrilaxxja l-istqarrija tieghu lill-Pulizija fis-7 t'Awissu 2007 huwa ma kellu ebda access ghal parir ta' avukat u ma kien hemm ebda raguni mpellenti li tiggustifika r-restrizzjoni ta' tali dritt. Aktar minn hekk, il-fatt wahdu li f'dik l-epoka l-ligi li tipprovdi ghall-assistenza ta' avukat kienet ghadha ma gietx fis-sehh, ifisser li kien hemm assenza totali ta' parametri li jippermettu, jekk ikun il-kaz, ir-restrizzjoni ta' dan id-dritt. Di piu`, u kif irrizulta mill-atti tal-proceduri kriminali, qabel ma r-rikorrent ta l-istqarrija tieghu huwa kien fi stat ta' anzjeta' u agitazzjoni u anke kien issejjah tabib biex jassistih.

Stabbiliti dawn il-punti pero` huwa necessarju li dana kollu jigi meqjus fid-dawl ta' l-insenjamenti tal-Qrati taghna b'mod partikolari fid-dawl ta' meta l-proceduri kriminali jkunu ntemmu u fl-istess waqt tkun intuzat l-istqarrija allegatament leziva.

Ezaminati l-atti kriminali jirrizulta kif gia surriferit illi bla dubju ta' xejn il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet uzu konsiderevoli ta' l-istqarija tul il-proceduri meta hasset li hu ma kienx qed ikun

[47] Enfasi ta' din il-Qorti.

veritier fil-fatti kif minnu esposti u meta beda jitfa' dell ikrah fuq l-ufficcjal prosekutur fit-tehid tal-istess.[48]

Wara verbal tad-difiza biex tigi ddikjarata inammissibbli l-istqarrija ta' l-imputat[49], il-Qorti kienet irriservat li tipprovdi dwar dan fis-sentenza taghha.

Bla ma ghandu jitqies u jiftiehem li din il-Qorti f'din il-kompetenza taghha kostituzzjonali u konvenzjonali qeghda tagixxi ta' Qorti ta' revizjoni ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, jinhtieg li jsir ezami tal-istess biss u unikament ghal iskop biex jigi determinat jekk fil-fatt l-imputat jistghax jigi attribwit lilu l-*victim status*[50] li jitkellmu fuqu l-qrati, cioe` jekk soffriex xi pregudizzju bl-uzu ta' l-istqarrija tieghu fil-proceduri kriminali migjuba kontrih u l-impatt li dina kellha fl-ezitu ta' dawn il-proceduri.[51] Dan irrelevanti mill-fatt li l-imputat fil-fatt spicca misjub hati tar-reati lilu adebittati stante li l-istqarrija certament ma kienetx l-unika prova mressqa mill-prosekuzjoni. Ghalhekk l-uzu li jsir minn stqarrija hekk mehuda ghandu, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, jkollu l-impatt u piz fuq it-talbiet in ezami.

Ghalhekk jghodd il-piz u valur probatorju moghti lil istess, fil-*forma mentis* tal-gudikant biex twasslu ghal decizjoni ta' htija. Il-pregudizzju finali soffert fid-decizjoni huwa bilfors marbut mal-uzu li jsir mill-istess stqarrija, mhux wiehed *in vacuum* cioe` ta' stqarrija mehuda u mhux utilizzata ghal fini ta' sejbien ta' htija. Bhal ma ebda imputat liberat ma jista' jinghad li sofra xi pregudizzju, li jista' fl-ambitu tal-proceduri mehuda kontrih jitqies li huwa vittma taghhom, daqstant iehor ma jsofri ebda pregudizzju imputat fid-decizjoni moghtija meta Qorti b'dikjarazzjoni taghha teskludi ghal kollox mill-motivazzjonijiet taghha ghal sejbien ta' htija kull referenza li saret ghall-istqarrija. B'mod ghaqli l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ghoti tas-sentenza taghha ghamlet dan. Wara ezami dwar il-principji vigenti dak iz-zmien fil-konfront ta' l-uzu ta' l-istqarrija mehuda minghajr assistenza legali u l-enfasi minnha maghmul, kif enfasizzat minn din il-Qorti f'kull citat surriferit, fejn din tigi uzata *" ..for a conviction"* [52], dik il-Qorti kkonkludiet illi *" .. wara li ikkunsidrat it-talba hawn fuq imsemija ghal dikjarazzjoni ta' non ammissibilta' tal-istqarrija tal-imputat mhux ser tordna l-isfilz tal-istess stqarrija* ***izda m'hijiex ser tiehu in konsiderazzjoni dak li qal l-imputat fl-istess stqarrija ghal finijiet ta' sejbien ta' htija o meno".***[53]

Dik kienet il-kelma tal-Qorti. U hekk ghaddiet biex taghmel fis-sentenza taghha. Jirrizulta mill-qari tas-sentenza li l-Qorti tal-Magistrati kienet serrhet il-

---

[48] Fol 253-270
[49] Fol 342
[50] Ara Bouglame vs Belgium op. cit..
[51] Ara hawn kull parti ta' kull sentenza hekk enfasizata minn din il-Qorti bhal dawk fil-konfront ta' Malcolm Said, Aaron Cassar, Alvin Privitera, ParKhomenko, Mario Borg fost l-ohrajn.
[52] Fol 403 ara sentenza tal-Qorti riferita.
[53] Ukoll enfasi tal-Qorti.

konvinciment minnha mitlub bil-ligi fuq ix-xhieda tal-vittma abuzata, fuq il-kredibilta` taghha. Dan kif ikkorroborat minn terzi ohra li xehdu fl-istess proceduri, sahansitra mart l-istess imputat.

Illi ghalhekk ghalkemm bla dubbju ta' xejn l-istqarrija giet uzata fil-mori tal-proceduri, pero` giet skartata "*where it most counted*". Jigi nnutat ukoll li d-dikjarazzjoni tal-Qorti li kienet se tipprovdi dwar l-uzu tal-istqarrija fis-sentenza taghha kienet ghal kollox sodisfacenti ghall-imputat, tant li ddesista milli jressaq referenza kostituzzjonali dwar dan kif minnu verbalizzat. Anzi jinghad ukoll illi l-Qorti aderrixit mat-talba ta' l-istess difiza fis-sentenza taghha u cioe` li ***"..twarrab kompletament l-istqarrija moghtija mill-imputat fil-kawza odjerna u kwalunkwe referenza li saret ghal din l-istqarrija fix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u dana sabiex tigi evitata illi ssir referenza kostituzzjonali".***[54]

Jidher li d-difiza kienet ghal kollox sodisfatta bid-dikjarazzjoni tal-Qorti li kienet se tipprovdi dwar dan fis-sentenza finali, tant li baqghet ma talbitx ir-referenza.

**Ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati, ghalkemm ma kellhiex il-kompetenza li tiddikjara hi li fir-rigward tar-rikorrent kienet sehhet lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq, indirettament irrikonoxxiet din il-lezjoni u akkordatlu l-aktar rimedju idoneu meta, wara li qieset il-gurisprudenza in materja, ma haditx konjizzjoni tal-istqarrija tar-rikorrent ghal finijiet ta' sejbien ta' htija o meno**. B'hekk l-istqarrija tas-7 t'Awissu 2007, ghalkemm rilaxxjata minghajr assistenza legali u ghalkemm kienet giet prezentata fl-atti tal-proceduri kriminali, fl-ahhar mill-ahhar xorta ma kkawzat ebda pregudizzju sostantiv ghalih fis-sejbien ta' htija tieghu. **Qed jinghad dan ghax bid-decizjoni li hadet l-istess Qorti tal-Magistrati, il-pregudizzju li kien lahaq sehh fil-konfront tar-rikorrent bl-istess stqarrija l-mument li ttiehdet, gie ghal kollox newtralizzat mill-Qorti peress li fil-prattika huwa gie trattat daqs li kieku ma kienx ta dik l-istqarrija u ghalhekk effettivament gie mpoggi *status quo ante*.**

Ir-rikorrent izda, filwaqt li jirrikonoxxi l-fatt li l-Qorti tal-Magistrati ddikjarat li ma kinitx ser tiehu in konsiderazzjoni l-istqarrija tieghu, jargumenta li –

*"..din is-semplici dikjarazzjoni ma kinitx bizzejjed fit-totalita' tal-proceduri, stante specjalment illi fix-xhieda guramentata tal-esponenti kien hemm referenza totali ghall-istess stqarrija. Illi ghalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tiddikjara n-non-ammissibilita' tal-istqarrija tal-esponent flimkien mal-*

[54] Fol 342.

*kontenut taghha u kull referenza tal-istess stqarrija fix-xhieda u fil-provi rizultanti fil-process kriminali*[55]*."*

Ghall-Qorti dan l-argument huwa totalment infondat. Jerga' jigi sottolineat illi t-talba tad-difiza fil-proceduri kriminali kienet proprju kif intqal biex il-Qorti tal-Magistrati *"twarrab kompletament l-istqarrija moghtija mill-imputat fil-kawza u kwalunkwe referenza li saret ghaliha fix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni*[56]*."*

Huwa car ghalhekk li meta l-Qorti tal-Magistrati laqghet din it-talba u ddikjarat li fid-deliberazzjonijiet taghha dwar il-htija o meno ma kinitx ser tiehu in konsiderazzjoni tali stqarrija, kienet qed taghmel dan fir-rigward ta' **kull fejn kien hemm referenza ghal tali stqarrija fl-atti tal-proceduri kriminali.** Altrimenti ma kien ikun hemm ebda skop li ssir tali dikjarazzjoni *ab initio*. Jigi nnutat infatti li l-Qorti tal-Magistrati elenkat b'mod dettaljat u elokwenti l-kunsiderazzjonijiet li wassluha ghas-sejbien ta' htija, liema kunsiderazzjonijiet kienu bazati fuq provi u xhieda **totalment separati u ndipendenti** minn dak li qal ir-rikorrent fl-istqarrija tieghu.

Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk, il-Qorti tal-Magistrati aderiet *in toto* mad-dikjarazzjoni maghmula minnha fir-rigward tal-istqarrija kull fejn din issemmiet fil-proceduri.

Ghalhekk ghal kull buon fini jinghad li l-proposta tar-rikorrent li bhala rimedju, jekk tinstab lezjoni, il-kaz kriminali ghandu jinstema' mill-gdid, hija barra minn lokha gjaladarba kif inghad, is-sejbien ta' htija tieghu ma kien relatat assolutament xejn mal-istqarrija moghtija minnu.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll li fl-appell tieghu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali r-rikorrent ma ressaq ebda lment fir-rigward tat-tehid tal-istqarrija. Anzi a kontrarju l-aggravju tal-istess rikorrent quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kien proprju li l-Qorti tal-Magistrati ma tatx piz lil dak li qal hu fix-xhieda guramentata tieghu. Fic-cirkustanzi la l-Qorti tal-Appell Kriminali ma kinitx mitluba taghmel xi pronunzjament dwar l-ammissibilita' o meno tal-istqarrija, is-silenzju taghha fir-rigward ma jiggustifikax id-dubju li qieghed iqajjem ir-rikorrent f'dawn il-proceduri.

It-tezi tar-rikorrent li l-uzu tal-istqarrija ikkundizzjonat il-kumplament tal-proceduri mehuda fil-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali hija ghaldaqstant bla bazi.

[55] Nota ta' Sottomissjonijiet a fol 39
[56] Ibid.

## 2. Non-osservanza tar-*Rule of Disclosure*

Ir-rikorrent jilmenta wkoll li huwa sofra ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq meta gie mcahhad mill-*file* tal-pulizija. Ghalih, il-mankanza ta' dan id-dritt fil-ligi nostrali fl-epoka in ezami kkawzalu pregudizzju ghad-dritt ta' difiza tieghu a bazi tal-principju tal-*equality of arms*.

Huwa minnu li dritt protett bil-principju ta' *equality of arms* huwa dak li d-difiza tinghata l-gharfien tal-provi li l-prosekuzzjoni ggib kontra l-imputat. Huwa minnu wkoll li fil-perjodu in ezami id-dritt t'access ghall-*file* tal-pulizija ma kienx disponibbli fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti stess diga' kellha l-opportunita' li tiddelibera dwar dan il-kuncett fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Clayton Azzopardi deciza fil-15 ta' Lulju 2016**[57] fejn osservat li -

*Fil-**Guide on Article 6: Right To A Fair Trial (criminal limb) tal-Kunsill Ewropej 2014** pagna 20 insibu hekk dwar dan:*

*" **2. Adversarial hearing***

*103. It is a fundamental aspect of the right to a fair trial that criminal proceedings, including the elements of such proceedings which relate to procedure, should be adversarial and that there should be equality of arms between the prosecution and defence. The right to an adversarial trial means, in a criminal case, that both prosecution and defence must be given the opportunity to have knowledge of and comment on the observations filed and the evidence adduced by the other party. In addition Article 6 § 1 requires that the prosecution authorities disclose to the defence all material evidence in their possession for or against the accused (Rowe and Davis v. the United Kingdom [GC], § 60).*

*104. In a criminal trial, Article 6 § 1 usually overlaps with the defence rights under Article 6 § 3, such as the right to question witnesses. "*

*[.....]*

*Fil-gudizzju esteru moghti mis-Supreme Court fil-kawza **McInnes vs Her Majesty's Advocate** tal-10 ta' Frar, 2010 gie espress mill-Qorti dan il-hsieb: li l-ezami ta' pregudizzju soffert minhabba lack of disclosure ta' xhieda ghandu jsir wara l-outcome finali tal-proceduri penali, **it-***

[57] Nru 12/16.

***test uzat huwa dak lil materjal ikkoncernat setghax kien tan-natura "which either materially weakens the Crown case or materially strengthens the case for***
***the defence"; dana ghandu jirrizulta fi pregudizzju ghad difiza b'mod tali li dana il-materjal mhux disclosed kien jwassal ghal possibilta' reali ta' "acquittal***[58] *".*

Il-Qorti ssib li dan l-ilment mhuwhiex gustifikat. Tenut kont li dawn il-proceduri gew intavolati meta dawk penali kienu diga' gew konkluzi, r-rikorrent kellu jkun f'pozizzjoni li jindika b'mod konkret liema kienet dik l-evidenza li *se mai* ma ngibietx a konoxxenza tieghu mill-prosekuzzjoni. Prova li ma saritx. Inoltre lanqas ma ngiebet xi prova mir-rikorrent li jekk kien hemm evidenza li nzammet mistura minnu, din kellha twassal ghal ezitu differenti minn dak li waslu ghalih il-Qrati ta' gudikatura kriminali.

Irrizulta wkoll mill-atti tal-proceduri kriminali li r-rikorrent kellu kull opportunita', kif fil-fatt ghamel, li jezamina u jaghmel il-kontro-ezamijiet tax-xhieda kollha mressqa, kif ukoll li jiskrutinja d-dokumenti kollha mressqa mill-prosekuzzjoni. Inoltre, ma jirrizultax li huwa gie mcahhad milli jgib il-quddiem il-provi kollha li kienu rilevanti in sostenn tat-tezi tieghu.

Ghaldaqstant u fid-dawl tal-fatt li ma ntweriex b'mod konkret mir-rikorrent li huwa sofra xi pregudizzju fit-thejjija tad-difiza tieghu ghall-akkuzi mressqa kontrih, dan l-ilment sejjer jigi respint.[59]

## 3. Il-Funzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali

Skont ir-rikorrent, huwa ma nghatax smiegh xieraq ghax hija "prassi" li l-Qrati tal-Appell jillimitaw il-funzjoni taghhom stess ghal wahda revizorja. Dan jinghad b'mod specjali fid-dawl tan-nuqqas fis-sistema nostrali ta' Qorti tat-Tielet Grad ta' revizjoni fil-forma ta' Qorti Suprema jew revizjoni ekwivalenti. Ghar-rikorrent, partikolarment f'kazijiet ta' reati fejn hemm latitudni ta' piena aktar wiesgha, mhuwhiex sufficjenti li l-Qorti tal-Appell tezamina biss jekk il-piena hijiex wahda fil-parametri tal-ligi stante li anke piena li tkun inghatat f'dawk il-parametri mhux necessarjament tkun wahda gusta ghall-kaz partikolari. Ir-rikorrent jaghmel referenza ghal dak li jipprovdi l-artikolu 428 (6) tal-Kodici Kriminali li jitkellem fuq appelli mill-mertu, bhalma kien il-kaz odjern, u jargumenta li ebda artikolu tal-Kodici Kriminali ma jipprovdi li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti.

---

[58] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti
[59] Ara decizzjoni Kostituzzjonali Clayton Azzopardi op. cit.

Il-Qorti tibda billi tissottolinea li la l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas l-artikolu 6 ma jiggarantixxu xi dritt lill-parti leza li jkollha rimedju disponibbli quddiem qorti tat-tielet grad wara li l-kaz ikun ghadda mill-gharbiel tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

Din il-Qorti diversament pizzkjreseduta kienet diga ghamlet tali osservazzjoni fil-kaz **Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et deciza fit-3 t'Ottubru 2014**[60] -

*"L-artikoli 6 u 39 tal-Kostituzzjoni ma jiggarantixxu l-ebda dritt li akkużat ikollu xi rimedju quddiem qorti tat-tielet grad wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Ċertament li f'dan il-każ il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha tiddetermina jekk il-piena li ngħata r-rikorrent kenitx ġusta jew kellhiex tnaqqas il-piena. Dak kien l-eżerċizzju tad-doppio esame li kellu jsir.... M'huwiex il-kompitu ta' din il-qorti li tistħarreġ il-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti tal-Appell Kriminali meta kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali."*

Premess dan, il-Qorti sejra tghaddi biex tqis il-bqija ta' dan l-ilment.

Tajjeb li qabel xejn jigi citat dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz tal-lum qabel ma ghaddiet biex tezamina l-aggravji tar-rikorrent –

*Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Fl-essenza tieghu ghalhekk dak li qalet dik il-Qorti m'huwhiex sempliciment li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti izda li dan isehh **biss** sakemm ma jirrizultalhiex li l-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni kien wiehed mhux ragjonevoli u li wassal ghal xi zball manifest li jekk ma jigix rettifikat kien ser iwassal biex xi parti tbati ngustizzja.

[60] Rik kost 12/14. Is-sentenza riformata fl-appell fis-16 ta' Marzu 2015 ma kimitx tolqot din il-parti tas-sentenza

Dan pero` ma jfissirx li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma ezaminatx kif imiss il-provi kollha li kienu tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati sabiex tiddetermina jekk id-decizjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti kinitx wahda li dik il-Qorti setghet ragjonevolment tasal ghaliha mill-provi u skont ic-cirkustanzi tal-kaz quddiema. Analizi tas-sentenza tat-13 ta' Jannar 2016 tal-Qorti tal-Appell Kriminali tikkonvinci lil din il-Qorti li dan l-ezercizzju sar kif der resto indikat fl-istess sentenza fejn intqal hekk –

*"…**<u>din il-Qorti fliet sew il-provi mressqa mill-partijiet</u>** u waslet ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni taghha. Din il-Qorti tikkondividi wkoll il-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti[61]."*

Kien biss wara din l-evalwazzjoni li l-Qorti ghaddiet biex tigbed il-konkluzjonijiet taghha dwar il-piena moghtija.

Ghaldaqstant din il-Qorti ma tirriskontra ebda nuqqas da parti tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ezercizzju tal-funzjoni taghha fil-kaz odjern, liema ezercizzju huwa meqjus li sar in linea ma' dak li jipprovdi l-artikolu 428 (6) tal-Kap 9 citat mir-rikorrent stess peress li l-Qorti wara li regghet evalwat il-provi u l-argumenti kollha mressqa fl-appell dehrilha li ghandha tikkonferma s-sentenza appellata.

Dan l-ilment sejjer jigi respint ukoll.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:**

1. **Tilqa l-ewwel talba limitatatament u tiddikjara li gie lez id-dritt fundamentali tar-rikorrent ghal smiegh xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 6 (3) flimkien mal-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea fir-rigward <u>biss</u> tal-fatt li fir-rilaxx tal-istqarrija tieghu lill-Pulizija nhar is-7 t'Awissu 2007 r-rikorrent kien gie mcahhad mid-dritt ghall-assistenza legali;**

2. **Tichad l-ewwel talba fir-rigward tal-bqija tal-lanjanzi mressqa;**

3. **Tilqa' t-tieni talba izda wkoll limitatament billi tqis li d-dikjarazzjoni ta' lezjoni hija rimedju gust u effettiv fic-cirkustanzi peress li l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet diga' rrimedjat ghal kwalunkwe pregudizzju rekat lir-rikorrent fil-**

[61] Pagna 22 tas-sentenza a fol 454 tal-inkartament tal-proceduri kriminali

**proceduri kriminali kontrih meta ma haditx in konsiderazzjoni l-istqarrija rilaxxata minnu ghal fini ta' sejbien ta' htija o meno;**

4. **Peress li t-talbiet ntlaqghu biss limitatament, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**John Muscat**
**Dep. Reg.**